MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1276/2003

**Carmel *sive* Charles Zammit (I.D. 431451) u martu Rita Zammit (I.D. 761254).**

**vs.**

**Maltacom plc (C 22334).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 13 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b’sentenza ta’ din l-Qorti fid-29 ta’ Novembru 2002 fl-ismijiet “**Carmel *sive* Charles Zammit vs Maltacom plc**” il-Qorti ddikjarat li l-attur kien haqqu li jinghata l-hatra ta’ *Chief Technical Officer* mas-socjeta` konvenuta minflok dik ta’ *Higher Technical Officer* u konsegwentement

ordnat li l-attur kellu jokkupa din il-kariga ta' *Chief Technical Officer* mas-socjeta` konvenuta b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 bil-beneficcji kollha li din il-hatra ggib maghha.

Illi fil-fatt ghalkemm parti minn din is-sentenza giet attwata, sallum l-attur ma inghatax il-benificcji li jmorru ma' l-istess hatra konsistenti f'kumpens ekwivalenti ghall-uzu ta' karozza u *car allowance* (skond il-kaz) u l-*allowances* koncernanti l-*fixed* u *mobile telephones* u dan ghall-perijodu mill-5 ta' Gunju 1987 'il quddiem u li ghall-mittenti dawn ikunu *net of tax* kif kien ghal kull min inghata kariga simili.

Illi *inoltre* fl-20 ta' Novembru 2002 harget sejha ta' promozzjonijiet taht *Human Resources Circular* 83/2002 li tirrigwarda *Internal Call for Applications – Business Executive*. Illi tali sejha tispecifika illi dan il-post kien "*a new Senior Executive position*" u l-attur applika ghal din is-sejha u gie maghzul u nghata l-kariga relattiva.

Illi tali sejha ma specifikatx xi skala ta' salarju ser jigi attribwit ghal dan il-post. Galadarba fis-sejha kien indikat li din tirriggwarda *a new Senior Executive position*, l-attur kien tal-fehma li kollox kien se jsegwi l-prassi sa dakinhar segwita.

Illi ma kien hemm xejn x'jindika ghall-kuntraju u l-attur kellu kull dritt jippretendi li jekk jintghazel huwa jinghata l-istess trattament bhal predecessur tieghu. Fil-fatt sa Novembru 2001 il-bniedem li kien jokkupa l-kariga ta' "*Contingency Planning Coordinator*", meta nghata l-hatra ghola fil-*Business Continuity* li hija ekwivalenti ghall-hatra li jokkupa bhalissa l-attur, tpogga fi grad ta' *senior executive* fi skala 2.

Illi minghajr ma saru l-ebda negozjati ma' l-attur huwa inghata kariga ta' *officer on scale 3C* u mhux kariga ta' *Business Continuity Executive* (kif tispecifika s-sejha *de quo*) u salarju taht *salary scale 3C* u mhux ta' skala 2 kif stenna li jsir u kif sar ma' haddiehor.

Illi ghalhekk irrizulta illi minkejja li l-attur inghata l-promozzjoni, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni s-*salary scale* u l-beneficcji li huwa qed igawdi b'rizultat ta' din il-promozzjoni, huwa qed ikollu dhul anqas milli kellu qabel ma nghata din il-promozzjoni u tali dhul anqas huwa rifless mill-fatt illi l-*car allowance* qabel kienet ta' Lm200 fix-xahar u issa giet ta' Lm175 fix-xahar u *inoltre* tilef *allowances* ohra ammontanti ghal Lm2,000 fis-sena ohra bhala kumpens talli qabel kien qed jaghmilha ta' *Contingency Planning Coordinator* u l-attur certament kien haseb illi kieku nghata l-promozzjoni, biz-zieda tas-salarju kien ikun hemm bizzejjed fondi biex jissuperaw dan it-telf tal-Lm2,000 fis-sena li kien jaqla' qabel bhala *Contingency Planning Coordinator*.

Illi hija totalment kontradittorja illi f'cirkostanzi simili wiehed japplika u jinghata promozzjoni biex jilhaq post li huwa *a new Senior Executive position* u b'rizultat ta' din il-promozzjoni hekk suppost stmata jkollu tnaqqis fl-introjtu komplessiv tieghu. Huwa anke antiguridiku u illogiku li f'sitwazzjoni simili, wara li persuna tinghata promozzjoni, l-*employer* unilateralment jiddevja mill-prattika b'intendiment mod u wara li jiehu l-promozzjoni, jsir jaf li l-*employer* ipprezentah b'haga ohra. Impjieg f'dan il-grad ezekuttiv m'huwiex kopert taht ftehim kollettiv u ghalhekk ser jiddevja mill-prattika precedenti wiehed kien jistenna li d-devizjoni tigi negozzjata u mhux imposta b'sorpriza.

Illi l-konvenut interpella ufficjalment permezz ta' ittra tat-13 ta' Ottubru 2003 l-anqas biss irrisponda u baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jimplimenta fis-sehh id-decizjoni moghtija minn din l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Carmel *sive* Charles Zammit vs Maltacom plc** tad-29 ta' Novembru 2002.

2. Tillikwida l-kumpens addizzjonali pagabbli lill-attur sabiex b'hekk jircievi l-beneficcji kollha li l-hatra ordnata

mill-Qorti ggib maghha liema likwidazzjoni ghandha tinkludi kalkolu sabiex l-ammont nett li jifdal f'idejn l-attur ikun bhal li kieku kien *net of tax* u dan *stante* illi llum il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jezigi li tali beneficcji jkunu soggetti ghat-taxxa;

3. Tiddikjara li meta l-attur inghata l-promozzjoni ta' *Business Continuity Executive* li huwa *a new senior executive position* huwa kien intitolat li jokkupa u jircievi kumpens ekwivalenti ghal *salary scale 2* bil-beneficcji kollha li tali kariga ggib maghha b'effett mid-data tal-promozzjoni;

4. Tillikwida l-ammont biex jaghmel tajjeb ghad-deficenza sofferta mill-attur mid-data tal-promozzjoni sad-data tas-sentenza pretiza mill-attur kif fuq spjegat u tordna li mid-data tas-sentenza 'l quddiem l-attur jithallas kommensurament mas-skala 2 u beneficcji relattivi.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammonti likwidati fit-tieni u fir-raba' talba.

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-interessi fuq l-ammonti hekk likwidati mit-13 ta' Ottubru 2002 (data ta' l-ittra ufficjali) u dan *stante* illi ghar-rigward tal-konvenut l-ammont pretiz mill-attur huwa facilment likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2003 liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 16 sa 18 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. "A" sa Dok. "D" kif jidher a fol. 19 sa fol. 42 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Maltacom plc datata 27 ta' Lulju 2004 a fol. 75 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-ammont komplessiv ta' beneficcji li kienet iggib maghha l-kariga ta' *Chief Technical Officer* kif likwidat mill-atturi huwa eccessiv.

2. Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet ta' l-atturi rigwardanti l-promozzjoni ta' *Business Continuity Executive* ma jistghu jaghtu lok ghall-ebda dritt tutelat mil-ligi (la wiehed *ex contractu, ex delicto* u lanqas *ex lerge*), u konsegwentement ma ghandhom l-ebda dritt ta' azzjoni.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzji ghall-premess, l-attur accetta l-promozzjoni ta' *Business Continuity Executive* fi Skala 3C li nghatat lilu b'effett mill-10 ta' Jannar 2003 minghajr l-ebda riserva, u kien biss xi zmien wara li nghata din il-promozzjoni li beda jilmenta dwar l-iskala tal-grad moghti lilu. Jekk l-attur kellu xi lment dwar il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg marbutin ma' grad fi Skala 3C, huwa seta' ghazel li ma jaccettax il-promozzjoni. Bl-accettazzjoni tal-promozzjoni minghajr rizervi, l-attur irrinunzja ghal kwalunkwe pretensjoni li huwa setgha kellu fir-rigward, u f'dan l-istadju jinsab legalment impedut milli jqajjem xi ilment fuq l-istess.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess il-grad ta' *Business Continuity Executive* igib mieghu l-grad ta' *Scale 3C*, kif fil-fatt jisthoqlu tenut kont tax-xoghol u l-kapacitajiet rikjesti.

5. Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza s-socjeta` eccipjenti ma ghamlet l-ebda devjazzjoni mill-prattika precedenti fl-ghoti tal-promozzjoni *de quo* u lanqas kien hemm xi ntendiment – kif allegat mill-atturi – li l-grad ta' *Business Continuity Executive* kellu jgib mieghu l-grad ta' Skala 2;

6. Illi konsegwenzi ta' din il-promozzjoni s-salarju sostantiv ta' l-attur zdied minn dak ta' Skala 4 (Lm9,868 fis-sena) ghal dak ta' ufficjal fl Skala 3C (Lm10,247 x Lm250 = Lm11,247). Ir-riduzzjoni fid-dhul nett li l-attur qieghed jircievi huwa fatt incidentali attribwibbli unikament ghal fatt li qabel inghata l-promozzjoni l-attur kien jiehu

*allowance* talli kien jaghmel xoghol ta' *Contingency Planning Co-Ordinator.* Din l-*allowance*, bhal *allowances* ohra ta' l-istess natura taghha, giet moghtija mis-socjeta` eccipjenti b'mod diskrezzjonali u setghet tigi mwaqqfa fi kwalunkwe zmien. Dan mhux l-uniku kaz fejn tali *allowances* gew imwaqqfa meta l-ufficjal koncernat inghata promozzjoni.

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammonti pretizi mill-attur mhumiex likwidati, u lanqas facilment likwidabbli, u ghaldaqstant it-talba ghall-hlas ta' l-interessi fuq l-ammont likwidat ghandha tigi michuda.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta Maltacom plc a fol. 77 u 87 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok. "CZ1" sa Dok. "CZ14" kif jidher minn fol. 79 sa fol. 150 tal-process.

Rat in-nota ta' Charles Zammit datata 23 ta' April 2004 a fol. 12 tal-process li biha esebixxa kopja tac-citazzjoni u d-dokumenti annessi maghha kif mitlub fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2004.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mis-26 ta' Marzu 2004 sat-18 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza thalliet ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-atturi.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta Maltacom p.l.c. datata 28 ta' April 2006 li permezz taghha esebiet zewg affidavits u xi dokumenti li gew immarkati minn Dok "JS1" sa Dok. "JS9" kif jidher a fol. 319 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta mill-10 ta' Jannar 2006 sas-6 ta' Dicembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-

difensuri tal-partijiet. Prezenti l-atturi u l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri dwar ir-rikors prezentat mis-socjeta` konvenuta fil-15 ta' Novembru 2006 u fic-cirkostanzi cahdet it-talba ghall-prezentata ta' l-affidavit u ordnat l-isfilz ta' l-istess, salv li jigi ndikat f'din is-seduta mill-istess xhud John Saliba l-verifiki li kellu jaghmel wara x-xhieda tieghu tal-31 ta' Ottubru 2006. Xehed bil-gurament John Saliba. Dr. Marse-Ann Farrugia oggezzjonat ghall-prezentata tan-nota ta' l-attur u d-dokument hemm esebit fit-30 ta' Novembru 2006 ghax l-attur kien ghalaq il-provi. Dr. Borg Costanzi irrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz ta' l-istess nota datata 30 ta' Nvoembru 2006. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta' Marzu 2007 bil-fakolta` li l-partijiet jaghmlu n-noti ta' osservazzjonijiet, l-attur fi zmien erbghin (40) jum bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata 16 ta' Jannar 2007 a fol. 463 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Maltacom p.l.c. datata 23 ta' Frar 2007 a fol. 491 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta ta' l-1 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, l-attur u l-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ordnat lill-attur biex fi zmien sebat ijiem (7), minn dan il-verbal, jikkwantifika l-ammont li qed jippretendi abbazi tar-raba' u l-hames talba attrici b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha hmistax-il jum (15) biex tirrispondi. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz kollu. Il-kawza giet differita biex il-Qorti tara li saru l-istess noti ghas-27 ta' Marzu 2007.

Rat in-nota ta' Carmel Zammit datata 2 ta' Marzu 2007 (fol. 507) li biha esebixxa l-prospett imsemmi fil-verbal ta' l-1 ta' Marzu 2007.

Rat in-nota ta' Maltacom p.l.c. datata 22 ta' Marzu 2007 a fol. 510 tal-process li biha esebiet prospett (immarkat Dok. "NSP") skond il-verbal ta' l-1 ta' Marzu 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Peter Borg Costanzi qabel mal-prospett "NSP". Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed isostni li minkejja d-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri datata 29 ta' Novembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **"Carmel sive Charles Zammit vs Maltacom plc"** (Dok. "C" – fol. 23) fejn gie ddikjarat li l-attur kellu jinghata l-hatra ta' *Chief Technical Officer* b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 minflok dik ta' *Higher Technical Officer*, b'dan li b'effett minn dik id-data l-istess attur kellu jinghata l-beneficcji kollha li tali hatra ggib maghha, dan fil-fatt ma sehhx ghal kollox peress li ma inghatax la l-uzu tal-karozza u *car allowance* u lanqas l-*allowance for fixed u mobile telephones* kollox *net of tax*; it-tieni kawzali ta' l-attur huwa li huwa kien applika u gie moghti l-posizzjoni *Business Continuity Executive* wara sejha ghall-promozzjonijiet skond *Human Resources Circular Numru 83/2002 (Internal Call of Applications),* u peress li tali posizzjoni giet indikata bhala *"a new Senior Executive Position"* huwa fehem li skond il-prassi l-kariga kienet dik ta' *senior executive* fi skala 2, mentri in effetti huwa nghata biss kariga ta' ufficjal fuq Skala 3C, b'dan li

fil-verita' b'din il-promozzjoni huwa gie li tilef certu beneficcji li huwa kellu fil-kariga ta' qabel, b'dan ghalhekk li l-istess attur talab li jigi ddikjarat li tali kariga ta' *Business Continuity Executive* huwa kien intitolat li jircievi kumpens ekwivalenti ghal *scale* 2, u konsegwentement talab li jigi likwidat l-istess ammont dovut lilu mid-data tal-promozzjoni sad-data tas-sentenza u li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-istess ammont bl-imghax indikat mid-data tat-12 ta' Ottubru 2002.

Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet li dwar l-ewwel pretensjoni l-ammont riklamat mill-attur huwa eccessiv u hawn pressumibilment din il-Qorti thoss li l-istess socjeta' kienet qed taghmel riferenza ghad-Dok. "A" u "B" annessi mac-citazzjoni attrici li jindikaw l-ammonti rispettivi ta' Lm19,759.95 bhala *transport allowances* u l-ammont ta' Lm140.68 bhala *call allowances*.

Illi dwar it-tieni pretensjoni s-socjeta' konvenuta ecceppiet li tali posizzjoni ma tintitolax lill-attur ghal tali skala u beneficcji ndikati minnu izda dawk attwalment moghtija lilu ta' Skala 3C – konsistentement ma' dan gie sostnut li tali kariga ta' *Business Continuity Executive* qatt ma kellha l-grad ta' Skala 2 u ma kien hemm ebda prassi f'dan is-sens;  fi kwalunkwe kaz huwa kien accetta tali posizzjoni b'effett mill-10 ta' Jannar 2003 bla ebda riserva u baqa' jokkupa l-istess posizzjoni b'dan li accetta l-kondizzjonijiet ta' l-istess promozzjoni u fil-fatt minn Skala 4 (Lm9,868 fis-sena) huwa nghata l-kariga ta' ufficjal fi Skala 3C (Lm10, 247 x Lm250 = Lm11,247) u l-*allowances* li ma baqax jiehu kien peress li huwa kien jaghmel xoghol ta' *Contingency Planning Co-ordinator*, haga li ma baqax jaghmel u ghalhekk ma setax jibqa' jircievi tali *allowance.* Dan apparti l-kwistjoni ta' imghax li ghanda dejjem tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel pretensjoni attrici s-sentenza datata 29 ta' Novembru 2002 esebita bhala Dok. "C" tikkonferma li l-attur kellu jinghata l-istess kariga ta' *Chief Technical Officer* b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 u dan bil-beneficcji kollha li din il-hatra ggib maghha (fol. 39). L-attur jippretendi *car allowance* ta' Lm150 fix-xahar ghaliex

ghall-perjodu ndikat fid-Dok. “A” huwa uza l-karozza tieghu; dwar l-ammont ta’ telefonati l-attur talab l-ammont ta’ Lm140.68 mentri s-socjeta’ konvenuta offrietlu l-ammont ta’ Lm389.16 b’ittra datata 14 ta’ Jannar 2004.

Illi ma hemm l-ebda dubju li huwa l-attur li jrid jipprova l-pretensjonijiet tieghu u jidher li dwar l-istess allegazzjoni ta’ l-attur ghall-*car allowance* dan irrefera fuq kollox ghax-xhieda moghtija minn Salvu Portelli (2 ta’ Novembru 2004) u Albert Desira (2 ta’ Novembru 2004) li ndikaw li kellhom bhala *Chief Technical Officers car allowance* ta’ Lm150 fix-xahar izda fl-istess xhieda ma jirrizultax ghal liema perjodu thallsu dan l-ammont. Anzi jidher anke mix-xhieda ta’ Brenda Azzopardi u d-Dok. “S1” a fol. 178 tal-process li diversi persuni li nghataw il-kariga ta’ *Chief Technical Officer* kellhom xi tip ta’ *car allowance* meta tali ufficjali kellhom bzonn fix-xoghol taghhom ta’ l-istess karozza qabel is-sena 1998 - li lanqas kienet fl-ammont indikat mill-attur ghal dik id-data  - fil-waqt li persuni ohrajn kellhom biss dik li tissejjah bhala *mileage allowance*.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta sostniet *tramite* x-xhieda ta’ John Saliba, Direttur ta’ l-Amministrazzjoni u r-Rizorsi Umani tal-Maltacom Group li tali somma ta’ *car allowance* ta’ Lm150 fix-xahar kellha effett biss mid-data tad-decizjoni tal-*management* li ttiehdet fis-sena 1998 li tat lill-impjegati fl-iskala 4 bhal dik ta’ l-attur id-dritt li jaghzlu li jiehdu *allowance* ghat-trasport ta’ Lm150 fix-xahar.

Illi dan huwa fil-fatt ikkorroborat mid-Dok. “JS 4” – a fol. 341 tal-process fejn jirrizulta car li b’effett mid-data ta’ l-1 ta’ Gunju 1998 l-impjegati fi Skala 4 gew moghtija d-dritt li jaghzlu li jiehdu jew karozza tal-kumpanija jew l-ammont ta’ Lm150 inkluz spejjez ta’ *fuel*. Fil-kaz ta’ l-attur huwa kellu biss *mileage allowance* li tant li parti minnha kienet gja thallset lilu.

Illi din il-Qorti thoss li din ix-xhieda u dan id-dokument jimmilitaw kontra l-pretensjonijiet attrici f’dan ir-rigward u din il-Qorti thoss li gie ppruvat li kull ma kien intitolat ghalih l-attur kien dak li jissejjah bhala *mileage allowance*, li fil-fatt thallas lill-attur fl-ammont ta’ Lm296.19 skond

Dok. “JS 3” u ghall-perjodu hemm indikat. B’hekk din il-Qorti thoss li fil-fatt gie ppruvat mis-socjeta’ konvenuta li fil-perjodu relevanti l-attur ma kienx intitolat ghall-*car allowance* ta’ Lm150 fix-xahar, u dan kemm peress li din ix-xelta dahlet *in vigore* biss fis-sena 1998, u kif ukoll peress li qabel dik id-data l-attur kien intitolat biss ghall-*mileage allowance* u b’hekk l-ammont dovut lill-attur ghandu jigi bbazat fuq kumpens massimu ta’ *mileage allowance* ta’ Lm150.60 fis-sena, u wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-*mileage allowance* li effettivament kienet dovuta lill-attur u wara li jitnaqqas minnha l-ammont li huwa gja rcieva fis-somma ta’ Lm296.19, jirrizulta li l-ammont li l-attur ghad ghandu jiehu huwa dak ta’ Lm451.81 u dan kif jidher spejgat f’Dok. “JS 5” a fol. 392 tal-process.

Illi dwar l-istess din il-Qorti taghmel riferenza ghall-affidavit ta’ l-istess John Saliba u senjatement dak li nghad minnu a fol. 322 u 333 tal-process, u dan apparti d-dokumenti “JS 1” sa “JS 4” tal-process, li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jikkonfermaw it-tezi tas-socjeta’ konvenuta f’dan ir-rigward. Fl-istess sens qed taccetta dak indikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta kemm-il darba huwa konsistenti mal-premess fuq dan il-punt.

Illi ghal dak li huma l-*allowance* dwar it-telefon, il-partijiet jaqblu li dan ghandu jkun fl-ammont ta’ Lm389.16 u ghalhekk il-kumpens totali li l-attur ghandu jithallas a bazi ta’ l-ewwel pretensjoni tieghu huwa dak ta’ Lm840.97 flimkien *occorrendo* ma’ kull ammont ta’ taxxa li talvolta l-konvenut ikun kostrett ihallas illum fuq l-istess ammont.

Illi dwar it-tieni pretensjoni attrici jinghad li l-*Human Resources Circular* No. 83/2002 (Dok. “D” – fol. 40) datata 20 ta’ Novembru 2002 tirreferi ghall- *“Internal Call for Applications – Business Continuity Executive”* li giet deskritta bhala *“a new senior executive position of Business Continuity Executive”.* Ma ssemmiet ebda skala fl-istess sejha pero’ l-istess attur isostni li qablu kien hemm Paul Montanaro li kien jokkupa l-istess kariga ta’ *Business Continuity Manager* ghall-Ottubru/Novembru 2001 ghal cirka gimghatejn u kien inghata salarju skala 2.

Ir-responsabbilitajiet ta' *Business Continuity Manager* (Dok. "CZ 2") u dawk ta' *Business Continuity Executive* (Dok. "CZ 3") kien identici hlief ghal *item* wiehed li xorta gie kopert taht l-istess *duties* – u z-zewg posizzjonijiet huma kariga ta' kap tal-*"Business Continuity Management".*

Illi fil-fatt l-istess attur isostni din l-*item* kienet dik indikata bhala *"ensuring adherence with the Turnbull Report"* – meta *in verita'* dan kien dokument indirizzat lejn id-diretturi kif indikat fir-rapport tad-diretturi (Dok. "CZ4") li jindika l-holqien ta' *"Business Continuity Committee"* li taghha l-attur inhatar *Chairman* sa mid-data tat-twaqqif taghha f'April 2002 (Dok. "CZ5" – 21 ta' Jannar 2003), anke qabel ma ha l-kariga ta' *Business Continuity Executive*, u bhala kap ta' l-*Business Continuity Management* gie mistieden sabiex jattendi l-laqghat ta' *Risk Management Steering Committee*, li skond l-attur huwa estensjoni tal-Bord tad-Diretturi u b'hekk *in verita'* l-attur isostni li ma kien hemm l-ebda differenza bejn d-dmirijiet ta' *Business Continuity Manager* u *Business Continuity Executive.*

Illi meta l-imsemmi Paul Mantanaro kien applika ghall-post ta' *Business Continuity Manager* (Dok. "CZ 2" – datat 5 ta' Ottubru 2001 – fol. 93), li ghaliha kien applika l-attur, huwa kien skwalifikat ghaliex kien ghad kellu l-kawza tieghu pendenti u allura huwa kien ghadu ma ssodisfax ir-rekwizit li min japplika kellu jkun okkupa l-grad ta' kap ta' dipartiment ghal mill-inqas hames (5) snin; bid-decizjoni ovvjament huwa kien jikkwalifika – fil-fatt allura meta inharget l-applikazzjoni ghall-*Business Continuity Manager* (Dok. "CZ3 – datat 20 ta' Novembru 2002 – fol. 96) huwa kien l-unika persuna li kien kwalifikat ghal din il-kariga, tant li huwa kien l-unika applikant. B'hekk huwa dejjem fehem, anke minhabba dawn ic-cirkostanzi li huwa kien ser jokkupa l-istess kariga li kien halla Paul Montanaro.

Illi l-attur isostni li meta gie moghti l-kariga bhala *officer in scale 3C* (Dok. "CZ 6") huwa ghamel l-oggezzjonijiet tieghu ma' Mrs. Ingrid Azzopardi u baqa' jressaq l-istess ilmenti tieghu anke ma Pierre Camilleri, l-assistent

personali tal-*Group Chief Executive Officer* (Dok. "CZ 7 – fol. 106), b'dan li bl-ebda mod ma rrinunzja ghal dawk li jippretendi li huma d-drittijiet tieghu, u lanqas kellu jirrizenja jew jirrifjuta tali posizzjoni. Mhux hekk biss izda l-istess ilment baqa' jitqajjem mill-istess attur inkluz fir-*Risk Management Steering Committe* u in partikolari fil-laqgha tal-20 ta' Frar 2004 kif jirrizulta fid-*draft* ta' l-istess minuti (esebita bhala Dok. "PBC 2" – fol. 246), li pero' ma gietx inkluza fil-minuti formali ta' l-istess laqgha (Dok. "RF 1" – fol. 241). Fl-istess *draft* tal-minuta jinghad li Mrs. Ingrid Azzopardi *(Group Director Internal Audit), "supported Mr. Charles D. Zammit in his statement and drew the attention of the Committee that the message which was being sent to Maltacom's personnel was that if one failed to deliver, one stood to gain more than if one is a dependable and reliable employee. She mentioned a number of cases where people who were doing nothing, had been promoted to Management posts higher than that occupied by Mr. Zammit, and with much less responsability. She was of the view that if Maltacom's Human Resources policies were to be considered as credible, the Company should adopt a policy where those who delivered and did their utmost to enhance the interests of the Company would be properly remunerated and promoted to positions of responsability and not the other way round."*

*"The Chairman of the Committee Ing. Alexander Tranter, pointed out that human resources issues did not fall within the remit of the Committee since this was a purely management brief".*

Illi Raymond Fava li kien segretarju tal-kumpanija f'dak iz-zmien (b'effett mill-24 ta' Gunju 2005 *Head of Corporate Governance)* ikkonferma l-istess *draft* tal-minuti, u dak hawn indikat ma giex inkluz fil-minuti formali ta' l-istess laqgha ghaliex skond huwa kien il-Bord (kompost minn l-istess Alexander Tranter, Saviour Sciberras u Vincent Farrugia) li jiddeciedu x'jitnizzel fil-minuti formali tal-kumpanija, u l-istess persuna bhala segretarju kkonfermat li hija taghmel dak li jigi dirett minnhom. (xhieda 24 ta' Gunju 2005 – fol. 230). Kopja ta' l-istess *drafts* tal-minuti nghataw lill-attur kif jidher mill-affidavit tieghu datat 22 ta'

Awissu 2005 – u d-dokument relattiv a fol. 252 *et sequitur* tal-process.

Illi l-posizzjoni ta’ Paul Montanaro bhala *Business Continuity Manager* b’effett mis-26 ta’ Ottubru 2001 kienet fuq skala 2C hija kkonfermata mill-ittra datata 5 ta’ Novembru 2001 miktuba mic-*Chairman* tas-socjeta’ konvenuta ta’ dak iz-zmien Maurice Zarb Adami (Dok. “S3” – fol. 184). Din l-istess skala giet ikkonfermata mix-xhieda ta’ Ingrid Azzopardi (29 ta’ April 2005) u wkoll mix-xhieda ta’ l-imsemmi Paul Montanaro nnfisu datata 18 ta’ Novembru 2005, fejn qal li kien informat li kellu paga ta’ *scale* 2 C minn Stephen Muscat, li dak iz-zmien kien *Chief Executive Officer.*

Illi jirrizulta li dan ix-xoghol sar biss mis-26 ta’ Ottubru 2001 sat-18 ta’ Novembru 2001 ghaliex wara li l-istess Paul Montanaro mar jahdem bhala *general manager designate* tas-socjeta’ Wirenet u ha l-kariga b’effett mid-19 ta’ Novembru 2001. Skond id-dokument a fol. 296 tal-process datat 19 ta’ Novembru 2001 din il-persuna setghet tiddeciedi li tmur mas-socjeta’ konvenuta fil-post ta’ *Business Continuity Manager,* izda dan jidher li ma sehhx. Jidher li l-istess Paul Montanaro ghadu mpjegat ma’ l-imsemmija socjeta’.

Illi permezz ta’ laqgha tal-Bord tad-Diretturi datata 25 ta’ Novembru 2002 (fol. 297) *Board Meeting Number 85* gie deciz li tinhareg applikazzjoni fost l-ohrajn ghall-*Business Continuity Manager* (BD 3241) Wara harget l-applikazzjoni ghall-*Business Continuity Executive,* skond l-istess xhud Ingrid Azzopardi kienet l-istess hlief, ghall-*“turnbull report”* ghaliex dak kien iktar jikkoncerna *corporate governance* (fol. 196), u jidher li kien hemm approvazzjoni ta’ l-istess posizzjoni ghall-attur skond *Bord Meeting* datat 10 ta’ Jannar 2003 b’dan li appuntament ta’ l-attur kellu jsehh minn dak in-nhar.

Illi s-socjeta’ konvenuta qed isosstni li l-posizzjoni ta’ *Business Continuity Manager* u dik ta’ *Business Continuity Executive* ma humiex l-istess post, anke ghaliex l-ewwel imsemmija posizzjoni ghadha tezisti jekk l-istess Pawlu

Montanaro jigi lura; haga li f'dawn is-snin minn meta l-attur ha l-kariga ghada ma sehhitx, u fil-verita' l-attur qed jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel ghal xi xahar jew inqas dan l-imsemmi Paul Montanaro; fil-fatt dan huwa kkonfermat mix-xhieda kollha prodotta, mhux l-inqas dik ta' Pawlu Montanaro stess u ta' Ingrid Azzopardi. Din il-Qorti thoss li l-kariga li nghata l-attur kienet ta' l-istess skala li nghata Paul Montanaro bhala *Salary Scale 2C* (minuti tal-laqgha tal-Bord tal-Maltacom numru 64) fejn f'*item* (b) jinghad li b'riferenza ghall-iskala ghall-gradi ta' *Fraud and Security Executive u Business Continuity Manager* jinghad li:-

*"It was recommended and approved that these posts become at grade 2C being Lm14,000 X Lm500 to Lm16,000".*

Illi din il-Qorti thoss li meta harget il-*call for applications* ghall-*Business Continuity Manager* ma tbiddel xejn mill-post innifsu u dan xorta wahda baqa' ta' *Salary Scale* 2C u l-kelma *Manager* u *Executive* f'dan il-kaz ma kellhom ebda differenza ta' xejn, kif fil-fatt dak fuq indikat jindika, iktar u iktar meta l-attur kien mistenni u fil-fatt ghamel l-istess xoghol li kien ghamel ghal ftit zmien Paul Montanaro; apparti dan dawk indikati bhala duties u *job description* ta' l-imsemmija kariga kienu l-istess, u din il-Qorti thoss li l-kelma *"executive"* certament ma tindika bl-ebda mod li hija l-posizzjoni li applika ghaliha l-attur kienet b'xi mod inferjuri ghal dik ta' *manager* – anzi din il-Qorti thoss li *se mai* l-kelma *"executive"* turi li l-post li kien ser jiehu l-attur, li kien l-unika applikant, kienet wahda superjuri u ta' natura esekuttiva, u certament ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fis-sejha ghall-applikazzjonijiet li din il-kariga kienet inferjuri b'xi mod ghall-posizzjoni li qabel kien qed jokkupa Paul Montanaro.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li l-attur ipprova l-allegazzjonijiet tieghu u din il-Qorti thoss li l-ispjegazzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward ma humiex *verosimili* – u wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollha dovuta thoss li kontrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' konvenuta, ma giex ippruvat li l-minuti

tal-Bord Numru 85 kienu zbaljati meta giet approvata s-sejha ghall-applikazzjonijiet ta' *Business Continuity Manager*, u fil-fatt tali minuta qatt ma giet irrangata jew ikkorreguta b'xi mod; veru li sussegwentement hargu applikazzjonijiet ghall-*Business Continuity Executive*, pero' *in verita'* ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex sar dan it-tibdil fin-nomenklatura tal-posizzjoni, u ma sar ebda *board meeting* sabiex jawtorizza xi bdil fl-istess sejha ghall-applikazzjoni, izda kollox hareg a bazi tal-minuta datata 15 ta' Novembru 2002.

Illi mhux hekk biss izda anke jekk issir riferenza ghall-minuta ta' l-10 ta' Jannar 2003, jidher car li fl-istess laqgha ma sar ebda tentattiv sabiex jinbidel dak li kien sar fil-laqgha precedenti, anzi kollox jidher li din il-laqgha hija kontinwazzjoni ta' l-istess; anzi minkejja li din-id darba jinghad li l-post huwa dak ta' *Business Continuity Executive* u l-attur kien ser jimla' tali posizzjoni – ironikament jissemma li din hija *"a Management post...."* - u allura jidher car fl-opinjoni ta' din il-Qorti li ma kien hemm ebda differenza bejn meta ttiehdet id-decizjoni li jkun hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-istess posizzjoni u meta effettivament saret l-istess sejha ghall-applikazzjoni u fl-ahhar nett meta l-istess applikazzjoni giet mimlija mill-attur, b'dan li din il-Qorti thoss li l-posizzjoni ta' *Business Continuity Manager* u *Business Continuity Executive* huma simili u kienu ntenzjonati ghal *Salary Scale 2C*.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan ir-rigward ix-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta ma hijiex konvincenti u wara li din il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' li tisma *viva voce* lill-attur u lill-John Saliba, tikkonferma li l-ispjegazzjoni moghtija mill-istess xhud tas-socjeta' konvenuta, ghal dak li llum qed tallega s-socjeta' konvenuta ma hija xejn konvincenti, iktar u iktar meta ma sar ebda bdil jew korrezzjoni tal-minuta li a bazi taghha giet awtorizzata li tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal *Business Continuity Manager,* anke jekk sussegwentement ghal xi raguni li qatt ma giet verament spejgata mis-socjeta' konvenuta, din il-posizzjoni giet indikata bl-isem ta' *Business Continuity Executive,* u dan iktar u iktar minhabba dak kollu hawn

imsemmi, nkluz il-fatt li l-attur effettivament ghamel l-istess xoghol li kien ghamel ghal ftit gimghat Paul Montanaro.

Illi b'hekk din il-pretensjoni attrici f'dan ir-rigward qed tigi accettata ghaliex giet ippruvata, b'dan ghalhekk li l-attur huwa ntitolat ghad-differenza bejn l-introjtu li rcieva attwalment ghal dak li huwa intitolat ghalih li huwa dak skond l-istess Skala 2 C, li hija allura dik ammontanti ghas-somma ta' Lm25,568 (Dok. "NSP" – fol. 511), kalkolu li l-abbli difensuri tal-partijiet jidher li qabblu dwaru anke kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 2007.

Illi dwar l-interessi rikjesti peress li l-ammonti mitluba huma ammonti li kellhom jigu likwidati, is-sitt talba qed tigi milqugha biss mid-data ta' din id-decizjoni.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u s-seba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta inkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens biss hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jimplimenta fis-sehh id-decizjoni moghtija minn din l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Carmel *sive* Charles Zammit vs Maltacom plc** tad-29 ta' Novembru 2002.

2. Tillikwida l-kumpens addizzjonali pagabbli lill-attur sabiex b'hekk jircievi l-beneficcji kollha li l-hatra ordnata mill-Qorti ggib maghha fl-ammont ta' tmien mija u erbghin lira Maltija u seba' u disghin centezmu (Lm840.97) flimkien *occorrendo* ma' kull ammont ta' taxxa li talvolta llum il-konvenut ikun kostrett ihallas fuq l-istess ammont.

3. Tiddikjara li meta l-attur inghata l-promozzjoni ta' *Business Continuity Executive* li huwa *a new senior*

*executive position,* huwa kien intitolat li jokkupa u jircievi kumpens ekwivalenti ghal *salary scale 2* bil-beneficcji kollha li tali kariga ggib maghha b'effett mid-data tal-promozzjoni;

4. Tillikwida l-ammont biex jaghmel tajjeb ghad-deficenza sofferta mill-attur mid-data tal-promozzjoni sad-data tas-sentenza pretiza mill-attur kif fuq spjegat u dan fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u sittin Lira Maltija (Lm25,568) u tordna li mid-data tas-sentenza 'l quddiem l-attur jithallas kommensurament mas-skala 2C u beneficcji relattivi.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont likwidat fit-tieni talba ammonti ghat-tmien mija u erbghin lira Maltija u seba' u disghin centezmu (Lm840.97) flimkien *occorrendo* ma' kull ammont ta' taxxa li talvolta llum il-konvenut ikun kostrett ihallas fuq l-istess ammont u l-ammont l-iehor likwidat fir-raba' talba attrici ammonti ghall-hamsa u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u sittin Lira Maltija (Lm25,568) kif hawn fuq deciz, b'dan li l-ammont globali li s-socjeta' konvenuta hija kkundannata sabiex thallas lill-attur huwa dak ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tmien Liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm26,408.97) *oltre* kull ammont ulterjuri ndikat a bazi tat-tieni talba attrici.

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-interessi fuq l-ammonti kollha hawn likwidati mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2003 kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------